MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Dicembru, 2013

Numru. 711/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**

**KONTRA**

**Francis Farrugia ta’ 28 sena, bin missier mhux maghruf u Anna xebba Farrugia, imwieled gewwa l-Pieta’,**
**nhar is-7 ta’ Marzu, 1985 u residenti gewwa fond Numru 57,**
**Tenement A, Triq San Nikola, Bormla u detentur tal-karta**
**Tal-identita’ bin-numru 160285 (M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **<u>Francis Farrugia</u>** li gie akkuzat talli

1. Nhar it-30 ta’ Lulju, 2013 ghall-habta tal-11.00 ta’ filghaxija, gewwa l-lokalita’ tal-Marsa volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Fiat Bravo bin-numru ta’ registrazzjoni SXS-868 u kif ukoll fuq bieb ta’ barra ta’ residenza privata ghad-dannu ta’ Kerston Catania u Demetrius Catania u/jew ta’ persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiiet ta’ Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Kerston Catania u Demetrius Catania biza’ li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta’ taghhom jew kontra l-persuna ta’ membri tal-familja taghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. A aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ tal-prsuna/i offizi u l-familjari taghhom, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna/i msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog Ordni ta’ Protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u f’kaz ta’ htija, l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigura’ tal-persuna/i offizi ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ammissjoni minnu registrata.

Rat li Francis Farrugia kkonferma l-ammissjoni minnu registrata wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jahseb fuq l-istess.

Rat ukoll li nonostante li fil-bidu tal-proceduri kien hemm kontestazzjoni fuq l-ammont dovut u lil min kien dovut, illi mix-xhieda ta’ Grezzju Mifsud kien jirrizulta li hu kien ircieva minghand certu Dimmy (Dimitrius) is-somma ta’ elfejn Ewro (€2,000) fuq bejgh ta’ vettura Fiat Bravo SXS-

868, nonostane li tali vettura qatt ma sar id-debita transfer taghha kif xehed ir-rapprezentant ta’ Malta Transport Authority Stephen Cachia.

Rat li fil-fatt fis-seduta tal-ahhar l-imputat kien ipprometta illi jaffettwa l-hlas fil-prezenza tal-Qorti.

Illi rat ukoll il-Pre-Sentencing Report redatt u esebit mill-Ufficjal tal-Probation Marilyn Formosa, rat ukoll ir-rakkomandazzjonijiet taghha fl-istess rapport (vide Dok MF folio 50 et sequitur).

Issib htija in vista tal-ammissjoni u dan wara li rat l-Artikoli 325, 251B, 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma ghamilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-llum, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta’ Malta. In vista’ tal-hbiberija li llum hemm bejn il-partijiet din il-Qorti mhix qieghda tapplika l-Artikoli 412C, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------